MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 619/2002

**Charles u Carmen konjugi Bugeja**

**Vs**

**GasanMamo Insurance Agency Limited ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-16 ta' Ottubru tas-sena 2002 li permezz tieghu l-atturi sejhu lis-socjeta' konvenuta nomine quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:**

**1. Thallas is-somma ta' elfejn u hames mitt Lira Maltin, (LM2,500.00,0) rapprezentanti l-valur tal-vettura Honda Civic bin-numru ta' registrazzjoni AAD 629, liema vettura kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni mas-socjeta' konvenuta tat-tip "*fully-***

***comprehensive”*** **u li giet misruqa lill-atturi mill-Mosta fix-xahar ta’ Dicembru tas-sena 2001;**

**2. Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittri interpellatorji, u bl-imghax legali kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota datata d-29 ta’ Novembru tas-sena 2002 li permezz taghha s-socjeta’ konvenuta nomine ecceppiet is-segwenti;**

**1. Preliminarjament l-inkompetenza ta’ dina l-onorabbli qorti billi a tenur tal-kundizzjonijet tal-Polza ta’ Assikurazzjoni rilaxxata mis-socjeta’ esponenti fuq il-vettura numru AAD-629 propjeta’ tal-atturi, kull kwistjoni relatata mal-polza ghandha tigi risolta permezz ta’ arbitragg, (vide Klawsola Nru 8) u dana kif sejjer jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**2. Illi fil-meritu u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-ammont mitlub mill-atturi m’huwiex kollu dovut billi l-ammont mitlub minnhom ma jirreflettix il-market price tal-vettura misruqa. Il-market price tal-vettura meta grat is-serqa kien ta’ LM1500.00,0 izda nonostante dan l-esponenti nomine kienu lesti, sabiex jintlahaq ftehim, li jhallsu lill-atturi s-somma ta’ LM2,000.00,0 ghas-saldu tal-pretezzjonijiet taghhom;**

**3. Salvi eccezzjonijiet ohra;**

**Ezaminat is-sottomissjonijiet skritti tal-partijiet fuq l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta’ konvenuta nomine;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi s-socjeta’ konvenuta nomine eccepiet preliminarjament l-inkompetenza ta’ din il-qorti li tipprocedi bil-procedura odjerna stante li l-kondizzjoni**

**kontenuta fi klawsola 8 tal-polza assikurattiva tivvinkola lill-partijiet li fi kwalunkwe kwistjoni relatata ma' l-istess polza assikurattiva ghandu jkun hemm risoluzzjoni permezz ta' arbitragg;**

**Illi dan l-iter procedurali ghandu japplika f'kull tip ta' differenza li tista' tirrizulta mill-polza de quo;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-atturi jsostnu li huma m'humiex jikkontestaw xi klawsola tal-polza de quo izda biss jikkontestaw il-metodu li bih jigi stabbilit il-"premium" involut flimkien mal-perjodu ta' validita' tieghu biex jinghataw il-valur pattwit tal-vettura li insterqitilhom;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi ghandu jkun pacifiku li l-procedura adoperata bejn il-partijiet biex jistabbilixxu l-ammont assigurat u l-perjodu ta' zmien li dan l-ammont jibqa' ikkonsidrat vinkolanti hu propju l-bazi li fuqu jinbena l-edificcju kollu tal-polza assikurattrici;**

**Illi meta ghalhekk il-partijiet involuti ma jaqblux fuq xi wahda minn dawn ir-rekwiziti essenzjali tal-polza assikurattiva allura ir-rimedju pattwit hu biss dak naxxenti mill-klawsola 8 fuq citata;**

**Illi ghalhekk, qabel ma jigi rimoss dan l-intopp, cioe', li l-vertenza tigi indirizzata lill-arbitru, din il-qorti tibqa' inkompetenti;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li takkolji l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta' konvenuta nomine tiddikjara li ghal finijiet tal-klawsola 8 tal-polza assigurattiva in dizamina m'ghandhiex gurisdizzjoni tipprocedi bil-kaz odjern u allura tordna li ma tiehux konjizzjoni aktar tieghu, bl-ispejjez kontra l-atturi.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------